**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 48/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 726/1992)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elf disa' u tnejn u disgħin (1992) fil-Knisja ta' San Tumas More, Tal-Qroqq (ċertifikat taż-żwieġ Dok A anness) u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal u ċioe' D E B li għandu sebgħa u għoxrin (27) sena, u F G B li għandha erbgħa u għoxrin (24), llum t-tnejn maġġorenni;

2. Illi l-partijiet legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Joseph Abela fis-26 ta' Ġunju 2014 (Dok B anness);

3. Illi llum il-ġurnata D E għandu impjieg full-time u għalhekk ir-rikorrenti m'għadux javversa manteniment għalih, filwaqt illi F G, għalkemm għandha impjieg full-time u għandha erbgħa u għoxrin sena (24), ir-rikorrenti għadu jħallas manteniment direttament lilha stante illi għadha tistudja wkoll;

4. Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom minħabba illi ilhom snin twal mifrudin u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra l-partijiet għandhom rabta ma' persuni oħra;

5. Illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimata skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi qed jiġi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifsu (Dok. C);

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2021;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.